MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru. 947/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**EMANUEL GROGAN ta' 49 sena, iben John u Rose nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar is-22 ta' Marzu, 1963, residenti fil-fond Madonna tal-Karmnu, Triq Maestro Guzeppi Camilleri, Tal-Qattus, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 223163M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Emanuel Grogan** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn it-23 ta' Marzu, 2006 u l-1 ta' April, 2006, iffalsifika cedula, polza, jew dokumenti ohra, li

meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ta' Malta u cioe' cekk numru 62658 mahrug fuq kont bankarju tal-Bank of Valletta numru 18600134258, datat 23 ta' Marzu, 2006 ghall-ammont ta' Lm8,512.71;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra falsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' cekk numru 62658 mahrug fuq kont bankarju tal-Bank of Valletta numru 18600134258 datat 23 ta' Marzu, 2006, ghall-ammont ta' Lm8,512.71;

3. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi gie prezentat il-kunsens ta' l-Avukat Generali.

Minn naha tieghu Joseph Borg Cardona, f'isem il-Bank of Valletta, u dan fil-konfront ta' kont bankarju u partikolari Dok AG2 folio 16, spjega li dan ic-cheque kien imsarraf u li kien imhallas lil Nadienne u Emanuel Grogan.

Minn naha taghha Nadienne Grogan xehdet u spjegat kif ic-cheque in kwistjoni hi ghamlitu f''kexxun tal-kcina. Dan kien mahrug mill-kumpanija Middle Sea Insurance. Kien ghall-ammont ta' Lm8,512. Qalet illi ftehmet ma' zewgha biex imorru jsarrfuh il-gurnata tas-Sibt, pero meta fethet il-kexxun dan ma sabitux. Zewgha qallha li kien hbieh x'imkien. Kien heddidha li jekk trid il-flus kellha tinsihom.

Minn naha ta' John Degiorgio dan kien ikkonfermalha li c-cheque kien gie issarraf. Murija c-cheque, innegat li fuqu kien hemm il-firma taghha. Lanqas il-kitba tal-karta ta' l-identita' ma kienet taghha. Zewgha saz-zmien tax-xhieda kien ghadu ma hallasha xejn.

Enrika Depasquale minn naha ta' Middle Sea Insurance Life Ltd xehdet fuq cheque mahrug konguntiv fuq il-konjugi Grogan, rizultat ta' polza mwaqqfa li thalliet f'isem it-tnejn.

Dr Martin Bajada fir-relazzjoni tieghu Dok MB xehed illi l-firma fuq ic-cheque ma kinitx ta' Nadienne Grogan.

In kontro ezami Nadienne Grogan xehdet illi hi u zewgha kellhom polza ta' assigurazzjoni mal-Middle Sea, kienu jgemmghu flimkien. Ghamlu ghalhekk polza ta' assigurazzjoni ghall-ammont ta' Lm8,000.00. Qablet illi r-ragel kellu proprjeta' qabel iz-zwieg li pero skondtha ma nbieghitx ghal Lm8,000.00. Xehdet illi huma l-qliegh taghhom kienu jfaddluhom flimkien.

Rat illi dawn biss kienu l-provi mressqa miz-zewg partijiet.

Illi giet kontestata wkoll il-validita' ta' l-istqarrija, in vista' tal-fatt illi din ittiehdet minghajr id-dritt ta' assistenza legali dovuta llum lill-imputat. Illi in vista' ta' hekk, din il-Qorti tilqa' l-istedina tad-Difiza li tiskarta l-istess.

Ikkunsidrat:

Certament gie ppruvat illi nhareg cheque lill-konjugi Grogan mill-Middle Sea Insurance, illi gie msarraf. Gie ppruvat ukoll mir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada li wahda mill-firem li tidher fuq ic-cheque mhix ta' Nadienne Grogan u ma saritx minnha. Illi mix-xhieda ta' l-istess Nadienne, din tikkonferma li c-cheque minnu ma haditx sehmha, illi l-firma fuqu mhix taghha.

Illi din il-Qorti tinsab konvinta li darba msarraf, dan ic-cheque spicca fil-but ta' l-imputat – pero la ghandha prova

li kien hu li ffalsifika, wisq anqas illi kien hu li ghamel uzu mic-cheque falsifikat.

Ghaldaqstant qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------